# Rapport ta' Heritage Malta dwar il-problemi strutturali tal-Knisja l-Qadima - *Sandro Sciberras*

Ninsab ċert li ħafna minnkom li għandkom ċertu familjarita' mal-knisja tagħna, tafu jew intom konxji tal-problemi strutturali li għandha u li min dejjem kellha l-knisja. L-iktar eżempji evidenti u li jidhru ta' dawn il-ħsarat huma n-numru kbir ta' konsenturi li jinsabu f'partijiet differenti tal-knisja. Huwa fatt magħruf li allavolja l-ewwel ħsarat kienu ġa tfaċċaw 40 sena biss wara l-bidu tal-bini tal-knsija, qatt ma ġie determinat eżatt x'kien qiegħed jikkawża din il-ħsara. Anke meta reġa' inbena it-troll wara is-snin 60, ma kienx sar studju fil-fond ta' l-istat strutturali tal-knisja, bil-konsegwenza li l-knisja qiegħda issofri l-konsegwenzi ta' dan in-nuqqas.

Kien għalhekk li f'Ottubru 2005, il-Parroċċa tagħna inkarigat lil Heritage Malta biex tagħmel studju xjentifiku serju dwar l-istat preżenti ta' l-istruttura tal-knisja, bit-tama li dan l-istudju jitfa' dawl aħjar fuq xi ħsara hemm, minn fejn ġejja din il-ħsara u x'hemm bżonn isir biex il-knisja tiġi kkonservata bl-aħjar mod. Dan kien importanti kemm b'sens ta' ħarsien ta' Wirt Nazzjonali, kif ukoll għall-ħarsien ta' saħħet il-fidili li jkunu fil-knisja.



Heritage Malta

Report on the structural deterioration of the church of Santa Marija Birkirkara

July 2006

Heritage Malta laqgħet b'entużjamu kbir l-istedina tagħna u daħlu għal dan l-istudju b'serjeta' kbira. Bejn Diċembru 2005 u April 2006, esperti fl-oqsma kollha tal-konservazzjoni għamlu siegħat twal fil-knisja, u permezz tal-għodod li ġabu u sorsi li kkonsultaw mill-arkivji tal-knisja, ħadu ideja kemmxejn ċara ta' x'inhu għaddej.




Nhar is-7 ta' Lulju 2006, membri mill-Conservation Division ta' Heritage Malta ippreżentawlna r-rapport, bid-dokumentazzjoni tal-istat attwali tal-knisja u bil-konklużjonijiet li waslu għalihom mill-istudju li għamlu. Mill-ewwel deher ċar li l-knisja għandha problemi strutturali konsiderevoli iżda xejn li huwa estremament preokkupanti għalissa. Inkunu nafu jekk għandiex ninkwetaw meta fi ftit ta' snin oħra jerġa jsir l-istess studju u jitqabblu r-riżultati.




ukoll il-fatt li l-knisja soffriet din il-ħsara bħala konsegwenza tal-ġrajjiet li għaddiet minnhom tul is-sekli. Li ġara kien li meta inbnew il-ħitan tal-knisja, dawn ovvjament inbnew dritti, imbagħad inbena it-troll (is-saqaf) u dan tefa' piż indaqs fuq il-ħitan. B'dan il-mod il-bini beda jistrieħ, kif jagħmel kull bini ieħor. Meta waqa' s-saqaf, il-ħitan tilfu dak il-piż li kien qed iżommhom l-isfel u dritti f'posthom, u bejn it-terremot ta' l-1856 u anke minħabba li l-oqbra kienu mikxufa u l-art xorbot 100 sena ta' ilma, dawn il-ħitan tal-korsija straħu b'mod abnormali, b'mod angolat. Meta fis-snin 60 reġgħa beda jinbena t-troll, dan ġie mibni fuq il-ħitan li kienu angolati. Bħala riżultat ta' dan, il-ħitan tal-korsija llum huma forma ta' ark. Fil-fatt jidher li hemm differenza ta' madwar 12-il ċentimetru minn isfel għal fuq.

Jidher ukoll li kemm l-kampnar u l-faċċata tal-knisja għandhom ħsarat oħra, filwaqt li huwa mistenni li jitfaċċaw xi konsenturi anke fit-troll innifsu, issa li l-istruttura kollha iddeformat ruħa. Meta wieħed iqis dan kollu, huwa totalment eskluż li xi darba qatt se tinbena l-koppla jew Ħareġ il-frontispizju. Dan forsi se jdejjaq lil ħafna nies, imma huwa importanti li nifhmu li l-valur ta' bini storiku ma jitkejjilx fuq kemm il-bini huwa sabiħ jew ikraħ, jew fuq jekk jidhirx komplut jew bin-nuqqasijiet. Il-valur ta' bini storiku tiddeterminah l-istorja, indipendentement mill-aspett estetiku. Il-fatt li knisja se tibqa' mingħajr koppla u frontispizju huwa riżultat ta' l-istorja, il-fatt li waqgħu huma parti mil-istorja tal-knisja, u dan għandna naċċettawh. Il-knisja xorta sabiħa u għandha valur, bil-koppla jew mingħajrha.

Għaldaqstant, issa l-knisja se tgħaddi minn fażi oħra ta' l-istorja tagħha. Spiċċa ż-żmien tar-restwar, issa jmiss il-fażi tal-konservazzjoni, jiġifieri li nieħdu ħsieb dan li għandna, kif inhu. Hemm bżonn li jsir *monitoring* regolari ta' dak li qed iseħħ biex naraw jekk is-sitwazzjoni komplietx sejra għall-agħar. Huwa ukoll probabbli li se jkun hemm bżonn li jsir *reinforcement* tal-ħitan, biex dawn ma jibqgħux jiżżaqqu iktar. Għandu jsir kull sforz biex naċċertaw ruħna li l-knisja tibqa' f'saħħitha u b'hekk nevitaw li ssir iktar ħsara.

Hemm ukoll ippjanat li wara s-Sajf ssir laqgħa fuq din it-tema, b'nies minn Heritage Malta jispjegaw iktar fit-dettal x'sabu waqt l-istujdi tagħhom u x'kitbu fir-rapport tagħhom.

Il-Parroċċa tirringrazzja mill-qalb lil *Architectural Conservation Department*, *Conservation and Restoration Project Management Office* u *Documentation Department* ta' Heritage Malta tax-xogħol serju u professjonali li għamlu.